# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn 21 ta’ Ottubru 2019

**Rikors Numru : 161/2019 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**AR**

**Vs**

**BA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ RA, datat 5 ta’ April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fid-dsatax ta’ Settembru fis-sena elfejn (19/09/2000) skont certifikat taz-zwieg Nru. elf sitt mija tmienja u ghoxrin zbarra elfejn (1628/2000) (DOK A).*

2. *Ili minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw fil-11 ta’ Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) b’kuntratt ta’ firda personali fl-atti tan-Nutar Dr. Francesca Borg. (Dok B) kif emendat.*

4. *Illi huma ilhom jghixu separatament minn dak iz-zmien u ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni bejniethom.*

5. *Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta’ manteniment reciproku*

*bejniethom.*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li tirrikjedi l-ligi sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju u cioe skond l-Art 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fid-dsatax ta' Settembru tas-sena elfejn (19/09/2000).*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat mil-lum ngunt ghas-subizzjoni*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RA** xehdet illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Settembru 2000 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-11 ta' Novembru 2011 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AB** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' Settembru, 2000 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Dr. Francesca Borg, datat 11 ta' Novembru, 2011 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u li ghalhekk ilhom legalment isseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**